MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Numru. 441/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Francis Camilleri**

Kaz Numru: 441/2010

Illum 15 ta’ Jannar, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Francis Camilleri**, ta’ sitta u erbghin (46) sena, bin Nazzareno u Rose neé Bigeni, imwieled il-Qala, nhar is-7 ta’ Dicembru, 1963, residenti fil-fond numru Sanibel, Triq il-Wileg, Qala u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 53063(G),

akkuzat talli fl-20 ta’ Gunju, 2008 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta’ filghodu u tliet xhur ta’ qabel fil-fond “Sanibel,” Triq il-Wileg, Qala:

1. zamm lil xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tar-regolamenti ta’ l-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi meta dak l-ghasfur ma kienx gie dikjarat u registrat mal-Awtorita’ Kompetenti sal-31 ta’ Mejju 2003 u minghajr ma kellu l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita’ Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur, bi ksur ta’ Regolament 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta’ r-Regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat membru iehor fejn ikun jista’ jittiehed jew jinqabad legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta’ dak l-istat Membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f’Malta wara l-1 ta’ Mejju 2004, bi ksur ta’ Regolament 4 (1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab ma’ r-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u li ma kienux gew registrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat fis-subregolament (6) ta’ Regolament 21 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 bi ksur ta’ Regolament 21(5) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;

4. u aktar talli fis-snin ta’ qabel ittrasferixxa jew b’xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imemmi fis-subregolament (1)(e) ta’ Regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi minghajr ma ghamel talba lid-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien tal-Ambjent fi hdan l-Awtorita’ ta’ Malta ghall-

Ambjent u l-Ippjanar u minghajr ma kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta’ dak it-trasferiment jew disponiment minghand l-istess Direttur, bi ksur ta’ Regolament 4(2) tal-Avviz legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. kellu fil-pussess tieghu xi ezemplari li l-importazzjoni taghhom taqa’ taht regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta’ Fawna u Flora, minghajr ma zamm fil-pussess tieghu, u ghaz-zmien kollu li dawk l-ezemplari kienu fil-pussess tieghu, kull permess, certifikat u licenzja li ghandhom x’jaqsmu mal-importazzjoni ta’ dawk l-ezemplari u dan bi ksur ta’ Regolament 7 tal-Avviz Legali 236 tal-2004;

6. akkuzat ukoll talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Imhallef Dr. David Scicluna LL.D.) datata 04.05.07 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizuta li fl-20 ta’ Gunju 2008 saret tfittixija fir-residenza tal-imputat, f’kamra ta’ liema residenza nstabu numru ta’ ghasafar u annimali bbalzmati. Din il-kamra giet sigillata sabiex setghet issir spezzjoni minn naha tal-MEPA.

L-**Ispettur Josric Mifsud** xehed rigward is-sejba tal-ghasafar u annimali bbalzmati fir-residenza tal-imputat. Huwa esebixxa rcevuta tal-oggetti li gew maqbuda u li giet immarkata bhala Dok. “D”. Fix-xiehda tieghu, qal hekk: *“L-annimali li qed jigu esebiti, li huma indikati wkoll fir-ricevuta li ghadha kemm giet esebita bhala dokument “D” qed jigu esibiti bhala dokument wiehed, li qed jigi esibiti u mmarkat bhala dokument “E””* (*a fol.* 14).

**Stanley Gatt** (rapprezentant tal-MEPA) jghid li minn investigazzjoni li ghamel irrizultalu li fl-2003 l-imputat kien iddikjara kollezzjoni ta' 1020 ezemplari u kollezzjoni ta' 38 ezemplari fin-1998. Jghid li meta acceda fuq il-post identifika kollezzjoni ta' tjur li kien fiha 535 ezemplari. Esebixxa lista tal-ezemplari kollha liema lista giet immarkata bhala Dok. "SG 1". Esebixxa wkoll kopja ta' dikjarazzjoni li kien ghamel l-imputat fl-1998 (Dok. "SG 2") u tad-dikjarazzjoni maghmula fl-2003 (Dok. "SG 3"). Esebixxa wkoll kopja ta' skrittura privata (Dok. "SG 4") bejn l-imputat u Carmel Farrugia, liema Carmel Farrugia kien ta parti mill-kollezzjoni tieghu ta' tajr protett lill-imputat. Bhala Dok. "SG 5" esebixxa lista ta' ezemplari li ma kinux gew dikjarati. Esebixxa diversi dokumenti ohra, fosthom dokument processat minnu stess fl-1997 fejn indika illi kien hemm *links* f'din il-*consignment* li allegatament kienet giet moghtija lill-imputat minghand l-importatur originali, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "SG 10". Bhala Dok. "SG 11" (*a fol.* 140) esebixxa lista tal-ezemplari li gew sekwestrati. Meta gie muri l-ezemplari mammiferi li gew sekwestrati, esebiti bhala Dok. "E", Gatt ikkonferma li dawn huma l-annimali illi huwa ra u li xehed dwarhom u li gew elevati mill-Pulizija (*a fol.* 29).

**Matthew Grima Connely** (Environment Protection Officer mal-MEPA) jghid li l-imputat soppost kellu jkollu fil-pussess tieghu dokumentazzjoni li l-ezemplari tal-ispeci in kwistjoni kienu importati b'mod legali. Meta mistoqsi jghid x'dokumentazzjoni hemm bzonn biex dawn l-ezemplari jigu mportati b'mod legali, wiegeb li hemm bzonn ittimbrar ta' *trade import licences* (*a fol.* 227). Jghid: *"jien ghamilt ir-ricerka tieghi u ma jirrizultax illi ghandna licenzji li jkopri l-ezemplari in kwistjoni taht din l-import licence"* (*a fol.* 227).

**Spettur Frank A. Tabone** jixhed li acceda fuq il-post fis-7 ta' Lulju 2008 flimkien ma' Stanley Gatt u PC 1371 fejn kien hemm diversi ghasafar kif ukoll annimali bbalzmati. Jghid li giet siggilata l-kamra biex aktar spezzjoni setghet issir minn Stanley Gatt.

Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll numru iehor ta’ ufficjali tal-Pulizija li xehdu rigward is-sejba tal-ghasafar u annimali bbalzmati.

L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri u fis-seduta tas-17 ta’ April 2012 huwa ddikjara li kien ser jixhed biss rigward il-hames imputazzjoni (*a fol.* 255). Jghid li fis-sena 1997 l-imputat issettilja f’Ghawdex u haten l-imputat, Joe Grima cempel lil Raymond Cauchi biex l-annimali in kwistjoni jaghtihom lil Frans Camilleri. Isemmi *mountain lions*, *bear*, *weasel* etc.

Bhala xhud in difesa, l-imputat ressaq lil **Raymond Cauchi** li qal li fl-1979 mar jghix New York u li fl-1989 iddecieda li jigi lura Ghawdex. Jghid li kien habib ma’ certu Joe Grima li kien staqsieh biex jaghmillu pjacir fis-sens li kellu xi ftit annimali bbalzmati u hu (Cauchi) gabhomlu go Ghawdex. Cauchi isemmi: zewg *bob cats*, zewg *mountain lions*, zewg *deer*, zewg *ferrets* – jghid li kien hemm xi ghaxra jew hdax b’kollox. Jixhed li Joe Grima jigi haten l-imputat. Jghid li fl-1997, Joe qallu biex jaghti l-annimali lil Francis Camilleri. Hu (Raymond Cauchi) ma kienx Malta u qal lil huh, George Cauchi, biex jirrilisjahom lill-imputat u hekk gara. Esebixxa Dok. “RC 1” li huwa dokument ta’ karrozza u jghid hekk: *“Meta gibt il-karrozza u rregistrajha, ghax l-annimali gibthom ghax gibt container minhabba l-karozza u kelli l-ispace u ghamilthomlu. Dan meta gibt it-trakk, ir-registration u r-receipt tal-container”* (*a fol.* 261). Meta gie mistoqsi kif kien iddikjara l-mammiferi wiegeb hekk: *“dakinhar jiena gibt personal effects container u fl-eighty-nine (’89) ma kellix problema li niddikjarhom u ghidtilhom bihom, u gew under personal effects; qisha bicca furniture. U ma kellix problema; rawha u hekk iddikjarathom, as a personal effects. Kelli karozza, washing machine, xi sodod – u dahlu maghhom” (a fol.* 261*).* Meta in kontro-ezami gie mistoqsi jghid fejn kien jaf li George Cauchi ghaddiehom lill-imputat, wiegeb: *“George Cauchi huwa hija u qalli li tahom lil Frans Camilleri”* (*a fol.* 262).

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-hames imputazzjoni, il-Qorti tibda billi tinnota li d-difiza ghandha ragun fl-argumenti sollevati minnha fit-trattazzjoni taghha rigward dak mistqarr mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur u lil Stanley Gatt meta saret l-ispezzjoni fir-residenza tieghu. Id-difiza ghamlet riferenza ghal decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Teddy Mercieca** li nghatat fid-19 ta' Lulju 2012 minn din il-Qorti kif diversament preseduta, u liema decizjoni ghaddiet in gudikat. Dak li qalet dik il-Qorti, u li ser jigi kwotat hawn taht, japplika *mutatis mutandis* ghall-kawza odjerna. Il-Qorti qalet hekk:

"Dana qed jinghad ghaliex il-Qorti ma tistax tqis bhala prova dak mistqarr mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur u lil Stanley Gatt meta saret l-ispezzjoni fir-residenza tieghu u dana ghas-segwenti ragunijiet. Ibda biex ma hemm l-ebda indikazzjoni fl-atti illi qabel ma gie mitkellem, l-imputat inghata xi forma ta' twissija skond il-ligi li seta' jaghzel li ma jitkellimx u li dak li kien ser ighid seta' jingieb bhala prova kontra tieghu fil-Qorti. Ma jidhirx illi ttiehdet xi stqarrija formali ghaliex din ma hijiex esebita fl-atti u l-Ufficjal Prosekutur, ghalkemm fix-xhieda tieghu jghid li kellem lill-imputat, madanakollu, ma jsemmix illi kien hadlu xi stqarrija. Illi fi kwalunkwe kaz, anke jekk ghal grazzja tal-argument, dina l-Qorti kellha tqis illi t-twissija nghatat, ma jidhirx illi l-imputat inghata zmien jikkonsulta ruhu ma' avukat qabel kellem lill-pulizija. Dana ma setax isir ghaliex il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, u cioé fi Frar tas-sena 2008, ma kinitx taghti d-dritt lill-imputat jaghmel dan. Illi ghalhekk il-konfessjoni maghmula mill-imputat saret bi vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq u dana kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dana qed jinghad in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera**, **Il-Pulizija vs. Mark Lombardi** u **Il-Pulizija vs Esron Pullicino.**"[1]

---

[1] Sentenzi decizi fil-11/04/2011 u 12/04/2011 rispettivament..

Illi d-difiza tikkontendi li meta l-mammiferi in kwistjoni ngabu Ghawdex ma kienx hemm ligi li tirregolahom u b'hekk tnizzlu bhala *personal effects*. Tghid li l-imputat ma kiser l-ebda ligi ghaliex ir-regoli dahlu b'Council Regulation li dahlet Malta fl-1997 u b'hekk tikkontendi li ma nkisret l-ebda ligi.

Jirrizulta li l-Council Regulation in kwistjoni hija 338 tal-1997. L-Avviz Legali huwa 236 tal-2004 liema Avviz Legali jirrigwarda Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerç fi Speçi ta' Fawna u Flora, liema Avviz Legali hassar ir-Regolamenti tal-1992 dwar il-Kummerç fi Speçi ta' Fawna u Flora. M'hemmx dubju ghalhekk li ladarba l-imputat isemmi s-sena 1997, li l-Konvenzjoni f'Malta, li kienet ilha fis-sehh seba' snin (*stante* li l-Konvenzjoni dahlet fis-sehh fis-sena 1990), li darba r-regolamenti domestici kienu ilhom fis-sehh mis-sena 1992 m'hemmx dubju ghalhekk li l-Qorti ma tistax taccetta r-ragunament tad-difiza, fis-sens li ma nkisret l-ebda ligi. Apparti minn dan, l-imputat ma zammx fil-pussess tieghu, kif rikjest minn Regolament 7 tal-Avviz Legali 236 tal-2004, dokumentazzjoni (*"permess, certifikat, licenza"*) li kellha x'taqsam mal-importazzjoni tal-ezemplari in kwistjoni. Ghaldaqstant, ghandha tinstab htija tal-imputat fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, filwaqt li jirrizulta li numru ta' ezemplari ma gewx dikjarati, kien hemm numru ta' ezemplari dikjarati u li ma gewx misjuba fil-kollezzjoni tal-imputat u ghalhekk jirrizulta li l-imputat kien iddispona minnhom minghajr id-debita awtorizzazzjoni[2].

Illi jsegwi li mill-provi prodotti, anke l-ewwel erba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati. Fir-rigward tas-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, ma giet prezentata l-ebda sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat u b'hekk m'hemmx dubju li l-imputat ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni stante li ma gietx pruvata.

[2] Dok. "SG 7" – *fol.* 113.

Illi, in segwitu ta’ dak li nghad hawn fuq, huma biss l-ewwel hames imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati. Billi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma komprizi u nvoluti fl-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ser tghaddi biex tapplika dak dispost fl-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mis-sitt (6) imputazzjoni migjuba kontra tieghu, wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 4(2), 21(5) u 27(3)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat bl-Avvizi Legali 39 tal-2007 u 280 tal-2007, Regolament 7 tal-Avviz Legali 236 tal-2004, u Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta’ elf Euro (€ 1000).

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-annimali indikati f’Dokument “D” u li gew esebiti bhala dokument wiehed, li gie mmarkat bhala Dok. “E”.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------